

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

1.9.2008

0069/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Nicolae Vlad Popa, Jolanta Dičkute, Frieda Brepoels, Kathy Sinnott u  
Adamos Adamou

dwar il-fibromyalgia

Data ta' skadenza: 4.12.2008

0069/2008

## Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-fibromyalgia

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - A. billi kważi 14-il miljun persuna fl-UE u minn 1 sa 3% tal-popolazzjoni ġenerali madwar id-dinja jsofru mill-fibromyalgia, kundizzjoni debilitanti li tirriżulta f'uġiġħ kroniku mifruż,
  - B. billi l-WHO irikkonoxxit li l-fibromyalgia bħala marda mill-1992, imma għadha mhix kodifikata fl-indiċi uffiċjali tal-kundizzjonijiet ta' l-UE, li jeskludu pazjenti minn dijanjosi formali,
  - C. billi pazjenti bil-fibromyalgia jagħmlu aktar visti għand it-tobba, ikollhom aktar referenzi għand speċjalisti, jinħarġulhom aktar ċertifikati ta' mard u jirċievu aktar servizzi *in-patient*, u għalhekk jiġġeneraw piż ekonomiku konsiderevoli għall-Ewropa,
  - D. billi nies li jsofru bil-fibromyalgia jikkumbattu biex jgħixu haġja mimlija u indipendenti, sakemm ma jkollhomx aċċess għal trattament u appoġġ adegwat,
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex:
    - jiżviluppaw strateġija Komunitarja dwar il-fibromyalgia sabiex jirrikonoxxu din il-kundizzjoni bħala marda;
    - jgħinu biex jikber l-għarfien tal-kundizzjoni u jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni għall-professjonisti tas-saħħa u pazjenti, billi jappoġġjaw kampanji ta' għarfien Ewropej u nazzjonali;
    - jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex isaħħu l-aċċess għad-dijanjosi u t-trattament;
    - jiffaċilitaw ir-riċerka dwar il-fibromyalgia bil-programmi ta' ħidma tas-7th Framework Programme for Research ta' l-UE u programmi ta' riċerka futuri;
    - jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' programmi tal-ġbir ta' data dwar il-fibromyalgia;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.